# SERQ, SABUTAĠĠ U LIĠIJIET MIKSURA FIL-MELLIEĦA MATUL IL-GWERRA

Jeffrey Sammut B.Ed (Hons) History & E.M.Y

Il-Mellieħa kienet dejjem meqjusa bħala raħal kwiet fejn il-pulizija ftit li xejn kien ikollha x'tagħmel. Dan aktar u aktar fis-snin tletin, meta l-popolazzjoni kienet żgħira u n-nies kienet taf lil xulxin sew.

Però mal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija, l-affarijiet inbidlu. Ammont kbir ta' suldati fosthom mill-King's Own Malta Regiment ġew stazzjonati mal-kosta Melleħija u fil-madwar. Żdiedet ukoll il-popolazzjoni minħabba r-refuġjati li ħarbu mill-ibliet ta' madwar il-portijiet u ġew isibu kenn mill-bombi fil-Mellieħa. Il-gwerra wasslet biex ħarġu aktar regolamenti li kultant il-Melleħin kienu jarawhom żejda jew ta' xkiel għall-ħajja ta' kuljum.

Dan kollu wassal biex żdiedu r-rapporti dwar ksur ta' regolamenti marbutin mal-gwerra, żdied is-serq speċjalment mill-għelieqi u xi kultant kien hemm każijiet aktar serji fejn daħlu l-armi fin-nofs.



## Il-Blackout

Waħda mil-liġijiet li daħlet effett tal-gwerra kienet dik tal-Blackout. Ma seta' jidher l-ebda dawl minn barra d-djar biex l-ajruplani tal-għadu ma jkunux jistgħu jsibu fejn qegħdin faċilment. Lanqas seta' xi ħadd iħalli dawl jidher mill-baħar minħabba li dan seta' jkun sinjal għall-għadu.

Ma kinitx ħaġa faċli li tagħmel dan. In-nisa tad-dar kienu jgħattu t-twieqi b'kartun, kutri jew drapp skur. Kien ikun hemm pulizija fit-toroq jaraw li din il-liġi tkun rispettata. Jekk dawn jilmħu xi dawl, kienu dlonk iħabbtu fuq il-bieb u javżaw biex id-dawl jintefa' jew jinħeba. Xi kultant kienu l-ġirien stess li kienu jagħmlu rapport li hemm dawl jidher. Dan minħabba l-biża' li d-dawl jiġbed l-attenzjoni tal-ajruplani Ġermaniżi u Taljani. Ovvjament il-bombi ma kinux se jinżlu eżatt fejn kien jidher id-dawl, allura aktarx minflok il-ħażin kien jeħel it-tajjeb!

Fit-22 ta' Frar, 1941, fis-7:00 ta' filgħaxija, il-pulizija rrappurtaw li persuni minn ta' Gallina, tal-Malti, ta' Suffara u tal-Valiġġja kellhom dawl jidher mit-triq. L-għada, f'ħanut f'4, Triq il-Parroċċa, il-pulizija wkoll setgħu jilmħu dawl mit-triq.




*Fig 2: Poster li juri l-periklu li tħalli dawl jidher mill-ajru.*
*Ritratt: https://www.flickr.com/photos/state-records-nsw/5691840754/*

Fit-13 ta' April 1941, is-Surġent P. Cachia u l-Kuntistabbli F. Debono għamlu r-ronda mit-8:00 ta' filgħaxija sas-1:00 ta' filgħodu jaraw li din il-liġi qed tiġi rispettata u fil-fatt ma kellhom xejn x'jirrappurtaw. Mid-dehra, l-aħbar li kienu saru taħrikiet fix-xhur ta' qabel kienet ġriet u allura kulħadd qagħad aktar attent!

Mill-banda l-oħra, persuna minn tal-Ġurdien qala' ċitazzjoni peress li kien qed isuq ir-rota bla dawl! Jew nejja jew maħruqa! Kull vettura ried ikollha dawl imma xorta dan kellu jkun mgħotti biex ma jidhirx mill-ajru.

## Il-Curfew

Liġi oħra li daħlet minħabba l-gwerra kienet dik tal-Curfew. Minħabba l-biża ta' attakk mal-lejl mill-għadu jew xi nżul ta' spiji, l-awtoritajiet Ingliżi ma ridux nies jiġġerrew



*Fig 1: Suldati tal-K.O.M.R. waqt manuvri. Xi drabi s-suldati kienu jagħmlu ħsara fir-raba' u saħansitra jisirqu l-prodotti tal-bdiewa.*

*Ritratt: http://maltacommand.com/unit%20history%20KOMR.html*


200th DAY OF WAR AGAINST NAZISM

TIMES OF MALTA

MALTA'S REACTION TO ITALY'S WAR MOVE

TUESDAY, JUNE 11, 1940

MUSSOLINI'S COWARDLY ACT

CURFEW

IMPORTANT NOTICE TO THE PUBLIC

U.S.A. All But At War With Italy

"WE KNOW THE ITALIANS OF OLD" - DOOMED TO MEET THEIR SECOND CAPORETTO

Mussolini's Lying Speech

"WE'VE BURNT THE BRIDGES BEHIND US"

CANADA DECLARES WAR ON ITALY

*Fig 3: Avviż fit-Times li javża li l-Curfew se jibda mit-8:30 ta' filgħaxija.*

*Ritratt: https://maltagc70.files.wordpress.com/2016/05/times-of-malta-header-june-40.jpg*

barra mill-ibliet jew irħula. Għalhekk, ħadd ma seta' joħroġ mill-belt jew raħal fejn kien jgħix bejn id-9:00 ta' filgħaxija u s-6:00 ta' filgħodu. Il-ħinijiet kienu jinbidlu skont l-istaġun. Minn jinqabad kien jiġi mħarrek, barra li kien jissogra li jaqla' xi tir ta' azzarin! Dan wassal għal tbatija kbira speċjalment għall-bdiewa li kienu mdorrija jmorru kmieni fir-raba, aktar u aktar jekk kellhom xi mixja ġmielha biex jaslu. Għalhekk, minkejja s-sogru li kien hemm, xi wħud kienu jabbużaw u xorta joħorġu wara jew qabel il-ħin permess.

B'hekk insibu li fis-6 ta' Ġunju 1941, fil-5:20 ta' filgħodu, persuni minn tax-Xiref, ta' Brodu, tal-Mellieħi, tas-Sinjur, ta' Serafin, taċ-Ċiniż, ta' Putirjala u tal-Migrus kollha nqabdu fl-inħawi ta' bejn il-Mellieħa u San Pawl il-Baħar.

Fit-18 ta' Ġunju 1942, xi ħadd minn taz-Zikkin u tlitt ijiem wara, persuna minn ta' Wiġi wkoll inqabdu jiksru l-Curfew.

## Kenn fix-xelters

Liġi oħra li ta' spiss kienet tinkiser kienet dik li trid tidħol għall-kenn ġewwa xelter waqt attakki mill-ajru. Ħafna ma kinux jagħtu kas meta kienu jiġu sparati l-murtali jew ddoqq is-sirena bħala twissija li ġej attakk u kienu jibqgħu għaddejjin b'xogħolhom. Oħrajn kienu joqogħdu jaraw l-ajruplani għaddejjin, minkejja x-xita ta' azzar li kienet tibda nieżla mis-sema meta l-balal ta' kontra l-ajruplani kienu jisplodu u l-gravita tiġbed il-ħadid lura lejn l-art! Dan l-abbuż sar aktar komuni fir-raħal tagħna meta ħafna indunaw li l-ajruplani rari kienu jwaddbu l-bombi fl-inħawi tal-Mellieħa imma kienu jibqgħu sejrin lejn l-ajruporti jew il-portijiet.

Imma b'rasu kien idur min kien jinqabad! B'hekk, persuni minn tal-Bajda, ta' Ċabieħ u ta' Smith ġew imħarrka peress li nhar it-23 ta' Frar 1941, waqt l-attakk mill-ajru li seħħ 10:50 ta' filgħodu, naqsu milli jsibu kenn f'post pubbliku jew privat imma baqgħu barra fit-triq.

L-istess ġralhom nies minn tar-Rabti, ta' Xalati, ta' Lass, ta' Geisha, ta' Widintu, tal-Piswi, ta' Ħażina, tal-Kuntistabbli, taz-Zomblu, tal-Bajtar, ta' Bramel u Ta' Belula fl-1 ta' Marzu, 1941.

## Sabutaġġ u Spjunaġġ

L-Ingliżi kienu dejjem imwerwra li mal-lejl xi Taljani jew Ġermaniżi jinżlu baxx baxx mal-kosta u barra li jispijaw, jwettqu xi sabutaġġ u jagħmlu ħsara f'affarijiet militari. Għalhekk meta f'daqqa waħda nqatgħet il-komunikazzjoni kollha minn mal-Għolja tal-Ġiżwiti għall-postijiet oħra, mill-ewwel issuspettaw ħażin. L-Ispettur C. Saliba li ħa taħt idejh dan il-każ, sab li dan is-sabutaġġ sar wara li xi ħadd kien qata' l-linji tat-telefown li kienu għaddejjin minn Għajn Żnuber! Wara aktar investigazzonijiet irriżulta li xi ħadd mhux magħruf (u minkejja aktar tfittxijiet baqa' ma nstabx!) kien għadda minn fuq il-linji tat-telefown bil-karrettun u qatagħhom bi żball minħabba li ma rahomx fid-dlam!

Każ stramb ieħor seħħ fis-27 ta' Lulju, 1940. Fl-10:00 ta' billejl ġie rrappurtat li kien hemm xi nies suspettużi fl-għelieqi. Ħasbuhom spiji. Wara aktar stħarriġ ġie determinat li dawn kienu bdiewa minn tat-Trux u tal-Kabla li ħarġu ftit mill-kamra li kellhom fir-raba' biex jixxerrfu l-għelieqi.

*Fig 4: Poster li jwissi li jista' jkun hemm spiji jisimgħu x'inti tgħid!*

*Ritratt: http://media.iwm.org.uk/ciim5/156/358/large_000000.jpg*




Ġuvnott ta' 16-il sena wkoll ġie arrestat fuq suspett ta' spjunaġġ. A. Cachia Żammit, miż-Żejtun, aktarx refuġjat il-Mellieħa, intlemaħ jieħu r-ritratti fil-pjazza. Fl-għassa tal-pulizija ammetta li kellu fuqu kamera tar-ritratti sewda 'Filma' u li kien ħa ritratt bla permess! Il-ġuvnott sostna li kulma kien għamel hu li ħa ritratt tal-knisja tal-Mellieħa. Il-kamera ġiet konfiskata u l-każ għadda għand is-C.I.D.! Povru tifel, kemm inkwiet għalih u l-ġenituri tiegħu minħabba sempliċi ritratt!

Każ interessanti ieħor seħħ meta ndaqqu l-qniepen tal-knisja tal-Manikata. Fil-gwerra, il-qniepen setgħu jindaqqu biss f'każ ta' invażjoni u tistgħu taħsbu kemm għagħa qam fil-kamp viċin ta' Għajn Tuffieħa meta nstemgħu l-qniepen idoqqu! Kulħadd iħares lejn il-baħar jew l-ajru jistenna xita ta' suldati Ġermaniżi nieżlin bil-paraxut jew deħlin minn fuq il-baħar. Fl-aħħar irriżulta li Fr. Francis Vella M.C. kien daqq il-qniepen biex javża l-parruċċani li kien wasal il-ħin tal-qrar għal dak ix-xahar. Hu ġie mwissi biex ma jerġax idoqq il-qniepen!

## Suldati Maħruba

Xi kultant, xi suldati ma kinux jifilħu aktar għall-istress tal-attakki kontinwi. Min itihom tort! Min jaf kemm kienu jaraw xeni tal-biża', forsi anke lil sħabhom imbiċċra quddiemhom. Allura dawn kienu jaħarbu u jispiċċaw jistaħbew 'l hemm u 'l hawn jew isibu kenn mal-qraba tagħhom.

*Tabella 1: Informazzjoni mill-Okkorrenzi tal-Pulizija 1940-1943.*

| Data | Min għamel ir-rapport | Serq |
|---|---|---|
| 10/8/42 | Mich Angelo Azzopardi ta' Kalanġ | Mill-għelieqi f'Qasam Barrani serqulu żewġ qnatar żerriegħa tal-patata valur ta' £9.00 Il-patata kienet mgħottija bil-ħamrija. |
| 15/8/42 | John Caruana tal-Makakux | Xi suldati daħlulu fl-għelieqi fil-Qammiegħ u serqulu b' £6.00 tin. |
| 18/8/42 | Lawrence Giordimania mir-Rabat | F'isem il-kunjatu, Carmelo Micallef tal-Ġennien, irrapporta li xi persuni sgassaw il-bieb tal-miġbħa ġo għar li kellu l-Miżieb u serqulu qantar għasel valur ta' £50. Il-Maġistrat Dr. Borg Cardona LLD għamel inkjesta fuq il-post, forsi minħabba l-valur għoli tal-għasel. |
| 20/8/42 | Mary Mifsud ta' Martin | Xi suldati tal-K.O.M.R. daħlu fl-għelieqi tagħha fil-Wied tal-Mellieħa u serqu ammont ta' bajtar tax-xewk u tin kif ukoll kissru ħarruba u tefgħu ilma maħmuġ fl-għalqa. |
| 4/5/42 | John Gauci tal-Lippin | Xi nies mhux magħrufa qalgħulu ammont ta' patata valur ta' £0.10/1 minn Wied Musa |
| 5/7/42 | Marianna Borg tal-Bobi | Sabet 2 tiġiġiet bojod, xi tadam u basal nieqsa (valur ta' £0.15/-) minn kamra f'Qasam Barrani. Hi ssusspettat f'xi suldati tal-K.O.M.R. |
| 13/7/42 | Carmelo Vella tas-Suttani | Xi suldati serqulu xi għeneb mill-Aħrax tal-Għajn. |
| 14/7/42 | Giuseppe Vella ta' Ruman | Xi persuni serqulu 2 qnatar żerriegħa tal-patata li kienu taħt siġra tat-tin. Valur ta' £2.00 |
| 26/5/41 | J. Maria Vella tal-Barkun | Mill-għalqa tiegħu fix-Xagħra l-Ħamra insterqu ful, piżelli u basal valur ta' £0.5/- |
| 3/5/40 | Salvatore Grima ta' Ġiaħa | Suldati daħlu fl-għelieqi tiegħu fl-Armier u serqu ammont ta' ramel. Valur ta' £0.10/- |

Fil-21 ta' Awwissu, 1942, il-Kuntistabbli Debono qabad lill-Gunner Birchall ta' 26th Def Regiment fl-inħawi tal-Mellieħa. Dan kien ħarab mir-reġiment tiegħu fit-30 ta' Ġunju 1942.

Fit-8 ta' Settembru, 1942, saret tfittxija għall-Gunner mill-11th Heavy Anti-Aircraft Regiment. Il-pulizija fittxew sew fid-dar fejn kien jgħix fi Triq il-Parroċċa, kif ukoll fid-dar ta' ħuh u fix-xelters kollha tal-Mellieħa imma kien kollu ta' xejn. Ta' min jinnota li t-tfittxija saret nhar il-festa tal-Vitorja bit-tama li aktar ikun hemm ċans li jinstab peress li dan is-suldat kien mill-Mellieħa.



*Fig 5: Bren Machine gun li nsterqu partijiet minnu!*

*Ritratt: https://vignette4.wikia.nocookie.net/guns/images/7/70/BREN.jpg/revision/latest?cb=20070430222610*

## Serq mir-raba'

Fil-Gwerra, l-għaks wassal għal ħafna biex jagħmlu affarijiet li qabel lanqas biss kienu joħolmuhom! Żdied ferm is-serq mir-raba'. Xi drabi l-ħatja kienu jkunu s-suldati stess li xogħolhom kien li jgħassu l-kosta. Ir-razzjon fqir kif ukoll il-fatt li setgħu jduru mal-lejl mingħajr ħadd ma jwaqqafhom wassal biex kultant daru għall-prodotti tal-għelieqi. Din it-tabella turi xi ftit mis-serq li sar.

Każ aktar serju sar fit-18 ta' Diċembru, 1942. Żewġ suldati tal- K.O.M.R. qabżu ħajt ta' tliet metri biex daħlu ġo ġnien fejn kien hemm xi siġar tal-larinġ fi Triq il-Kbira, il-Mellieħa. Mid-dehra ma kinitx l-ewwel darba li għamlu dan għax kien hemm wieħed mis-sidien għassa b'arma tan-nar jistenniehom! Dan spara fuqhom u laqat lil wieħed mis-suldati f'saqajh.

*Fig 5: Bren Machine gun li nsterqu partijiet minnu!*

*Ritratt: https://vignette4.wikia.nocookie.net/guns/images/7/70/BREN.jpg/revision/latest?cb=20070430222610*

| Data | Min għamel ir-rapport | Serq |
|---|---|---|
| 24/06/1942 | Captain J Nicholson | Mill-*Gun Position No.2* f' Tat-Tomna sab nieqes: xorts tal-Khaki, qalziet tal-Khaki, 6 qomos, 2 pari kalzetti, xugaman, ġersey, 24 kutra, 3 pari żraben u 2 skieken. Kellu suspett li nsterqu minn xi suldati stess. |
| 17/04/1941 | Sgt Joseph Bernard Coulson | Mid-Defence Battery ta' Irdum il-Ħmar sab nieqsa 2 tyres, crowbar, valve u kitla. Saru tfittxijiet fl-irziezet fil-viċin. |
| 17/07/1941 | Cpl G.Gallo | Minn Post MA4 insterqet tromba illi kienet imdendla mal-beachpost. |
| 09/04/1942 | 8th Manchester Regiment | Waqt taħriġ li kien qed isir fl-inħawi tal-Mellieħa nsterqu bajunetta u l-cover tagħha, 2 kartieri, partijiet tal-Bren Machine gun, cover ta' 2 inch Mortar, cutter, 4 ġkieket, u 5 pari bwiez. |

## Serq ta' Oġġetti tal-Militar

Imma mhux dejjem kienu l-bdiewa li marru minn taħt. Xi drabi, is-suldati kienu jinsew affarijiet warajhom waqt it-taħriġ u dawn kienu jogħsfru! Xi kultant anke sparixxew affarijiet mill-pillboxes. Minkejja li dejjem saru investigazzjonijiet fit-tul, rari nqabad xi ħadd!

| Oġġett | Kemm insteraq |
|---|---|
| Ful niexef | Xejn |
| Fażola | Insterqet kollha (96 bott) |
| Kaboċċi mnixxfa | Xejn |
| Aringi fil-bott | Insterqu 72 bott |
| Kavalli fil-bott | Xejn |
| Patata mnixxfa | Insterqu tmint artal u nofs |
| Zalza tat-tadam fil-bott | Insterqu kollha (2 laned u nofs taż-2 libbri u nofs-il waħda) |
| Perżut fil-laned | Insterqu kollha (3 laned) |
| Corned Beef | Insteraq kollu (58 landa) |
| Żejt tal-Ikel | Insterqet pinta |
| Bżar | xejn |
| Melħ | xejn |
| Kaxxi tas-Sulfarini | xejn |
| Pitrolju | xejn |
| Corned Beef f'laned kbar | Insterqu kollha (3 laned) |

*Tabella 3: Informazzjoni mill-Okkorrenzi tal-Pulizija 1940-1943*

## Serqa mill-Victory Kitchen

Fil-Gwerra nfetħu l-Victory Kitchens. Minn ġo fihom kien jitqassam l-ikel kuljum u għalhekk ma setax jonqos li xi ħadd induna li jekk jirnexxielu jidħol ġewwa jsib ruħu fil-ġenna tal-art. Il-ħalliel jew ħallelin daħlu fi ġnien fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u faqgħu l-bieb li kien jagħti għal fejn kien jinżamm l-ikel f'waħda mill-Victory Kitchens. Interessanti l-ikel li kien hemm maħżun u xi nsteraq. Il-ħalliel jew ħallelin ħadu l-aktar affarijiet li ħasbu li setgħu jbigħu jew jeħilsu minnhom malajr jew forsi li setgħu iġorru mingħajr ma jagħtu fil-għajn! Il-valur tal-oġġetti misruqin kien ilaħħaq għall-£27.7/1

## Spezzjonijiet fi Ħwienet

Fil-Gwerra kienu jsiru spezzjonijiet ta' spiss fil-ħwienet għal bosta raġunijiet. Il-pulizija kienu jaraw jekk l-użin hux skont il-liġi, jekk kienx qed jinħażen ikel bla permess, li l-prezzijiet kienu skont ir-regolamenti u li ma kienx ikun hemm ammonti kbar ta' flus tal-fidda. Spezzjoni għall-għarrieda saret fil-ħanut tax-xorb ta' Augustine Micallef tal-Gellux, fi Triq Selmun imma l-pulizija ma sabu xejn ħażin.

Emmanuel Portelli għamel rapport li sid il-ħanut tal-laħam li kien hemm fi Triq il-Parroċċa pprova jbigħ il-laħam għas-soppa lil oħtu Victoria bi prezz ogħla milli kienet tippermetti l-liġi.




*Fig 6: Tabella tal-Victory Kitchen.*

*Ritratt: https://www.militaryimages.net/media/victory-kitchen-sign.90858/full*

Fl-10 ta' Settembru 1941, saru spezzjonijiet mill-pulizija biex jaraw jekk kienx hemm xi ħwienet li kellhom flus tal-fidda aktar milli suppost. George Żerafa u Anthony Xuereb, furnara fi Triq il-Kbira kif ukoll Salvu Buttigieg, furnar fi Triq il-Mitħna l-Ġdida kollha instabu li kellhom flus tal-fidda aktar milli kienet tippermetti l-liġi. Ta min isemmi li l-Ingliżi ma ridux li jkun hawn ħafna muniti tal-fidda fl-idejn għax f'każ ta' invażjoni, dawn kienu jaqgħu taħt l-għadu.

Kien hemm ħafna każi fejn ħwienet tal-merċa nqabdu b'użin falz. L-awtoritajiet kienu ferm stretti fuq dan tant li meta saret spezzjoni fil-ħanut tal-merċa ta' Nina Cutajar fi Triq il-Vitorja u sabu li l-użin kien tajjeb, xorta tawha ċitazzjoni għaliex l-użin ma kellux marka uffiċjali.

Oħrajn ġew imħarrka fuq ħażniet kbar ta' ikel. F'ħanut fi Triq it-Tramuntana instabu tliet xkejjer dqiq immarkati Canadian ta' 80 ratal-il waħda, 10 xkejjer kafe ta' ratal u nofs-il waħda u 10 xkejjer zokkor ta' 100 libbra-il waħda. Dawn ġew kollha konfiskati mill-pulizija.

Din hi lista ta' ħwienet fejn saru spezzjonijiet – interessanti l-ammont kbir ta' ħwienet fil-Mellieħa fi żmien il-Gwerra.

| | |
|---|---|
| No 15, Snajjin Street | No 6, St. Francis Street |
| No 17, Snajjin Street | No 12, High Street |
| No 3, Victory Street | No 26, High Street |
| No 13, Victory Street | No 60, High Street |
| No 71, Victory Street | No 66, High Street |
| No 30, Parish Street | No 70, High Street |
| No 45, Parish Street | No 11, Eleventh Street |
| No 74, Parish Street | No 9, St, Mary Street |
| No 15, Old Mill Street | No 56, Jubilee Esp |
| No 54, Old Mill Street | No 8, Eleventh Street |
| No 26, Cross Street | |

*Tabella 4: Informazzjoni mill-Okkorrenzi tal-Pulizija 1940-1943*

## Serq fuq il-baħar u sajd illegali

Is-serq ma kienx isir biss minn fuq l-art! Grezzju Grima ta' Ġiaħa rrapporta li mid-dgħajsa tiegħu xi ħadd seraq iċ-ċan (injama ċatta li tgħatti l-qiegħ propju tad-dgħajsa) meta din kienet fuq l-art f'Ta' Qassisu, l-Għadira.

Sajjied ieħor, Franġisk Micallef, sab 30 metru xibka nieqsa meta mar jiġborha mill-baħar Ta' Qassisu, l-Għadira. Xi ħadd mal-lejl, b'sikkina, kien qata' biċċa xibka ġmielha u għosfor biha! Kellu ħsara ta' £10.00.

Ġamri Sammut Tas-Sold irrapporta li xi uffiċjali Ingliżi bdew jitfgħu hand grenades fil-baħar f'Għajn Tuffieħa u wara jiġbru l-ħut li beda jitla' fil-wiċċ. Hu ma kienx jaf min kienu l-uffiċjali imma xi ħadd wassal informazzjoni lill-pulizija li kien involut il-Maġġur Green tal-'Hampshire Regiment', Dan ir-Riġment kien stazzjonat fil-kamp ta' Għajn Tuffieħa stess.

## Konklużjoni

Illum wieħed jitbissem jaqra dwar ċerti każi li fil-gwerra kienu jittieħdu tant bis-serjetà. Imma fil-gwerra m'hemmx logħob, ksur ta' regolament kien jaf ifisser il-mewt kemm għalik kif ukoll għall-oħrajn ta' madwarek. L-istess għas-serq, li ħafna drabi kien jinvolvi l-ikel - li ssib l-għalqa żarmata kien ifisser li l-familja tiegħek tbati l-ġuħ. Għalhekk il-pulizija kienu jieħdu passi dwar kull rapport. Ta' min ifaħħar il-ħidma tagħhom li fi żmien daqshekk diffiċli u ta' periklu, baqgħu jagħmlu xogħolhom b'reqqa kbira u żammew l-ordni meta Malta kienet għaddejja minn żmien tal-biża'.

Ħajr lil Ruben Vella u l-Istaff tal-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat.

## Riferenzi


http://www.maltaatwarmuseum.com/uploads/8/4/8/5/8485988/maw_education_pack.pdf
Police Occurrences 23-2-41 National Archives of Malta
Police Occurrences 24-2-41 National Archives of Malta
Police Occurrences 13-4-41 National Archives of Malta
Police Occurrences 13-10-40 National Archives of Malta
http://www.maltaatwarmuseum.com/uploads/8/4/8/5/8485988/maw_education_pack.pdf
Police Occurrences 17-6-41 National Archives of Malta
Police Occurrences 24-2-41 National Archives of Malta
Police Occurrences 2-3-41 National Archives of Malta
Police Occurrences 7-9-42 National Archives of Malta
Police Occurrences 27-7-40 National Archives of Malta
Police Occurrences 27-10-40 National Archives of Malta
Police Occurrences 14-3-42 National Archives of Malta
Police Occurrences 21-8-42 National Archives of Malta
Police Occurrences 8-9-42 National Archives of Malta
Police Occurrences 18-12-42 National Archives of Malta
Police Occurrences 8-4-41 National Archives of Malta
Police Occurrences 5-6-41 National Archives of Malta
Police Occurrences 10-9-41 National Archives of Malta
Police Occurrences 22-12-42 National Archives of Malta
Police Occurrences 7-3-42 National Archives of Malta
Police Occurrences 26-4-42 National Archives of Malta
Police Occurrences 8-7-42 National Archives of Malta
Police Occurrences 31-5-42 National Archives of Malta